MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 501/1997/1

**L-Avukat Dr. Thomas Abela bhala rapprezentat gudizzjarju tad-Ditta Concrete Products Ltd.**
**vs**

**Donald Brincat**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ippremetta illi d-ditta attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta’ elfejn tlett mija u disghin liri maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,390.85) dovuti bhala prezz ta’

planki tas-soqfa u mibjugha u kkonsenjati u xoghol iehor konness, lill-konvenut.

Premess illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi baqa’ inadempjenti u l-bilanc ghadu sal-lum dovut.

Premess illi dwar s-somma msemmija, kif kkonfermat bl-affidavit anness, jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura, billi l-kreditu tal-attur huwa veru cert likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attur l-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x’joffri kontra t-talba tal-attur.

Ghaldaqstant d-ditta attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi;

1. Tikkundannah ihallas is-somma ta’ Lm2,390.85, kif fuq premess.

Bl-ispejjez nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid u Sekwestru, kontestwalment pprezentati u tal-ittra bonarja tat-2 ta’ Mejju, 1995, u bl-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3;

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 13 fejn eccepixxa:

Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-meritu, ix-xoghol in kwistjoni ma kienx tal-kwalita pattwita, u ma sarx skond is-sengha u l-arti;

Illi wkoll subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz huwa ferm eccessiv, u dan skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat **id-decizjoni preliminari** taghha tal-15 ta’ Dicembru, 1997 a fol. 21 li biha cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar preskrizzjoni;

Rat **id-digriet** taghha a fol. 25 fejn gie nominat il-Perit Joseph Ellul Vincenti biex jirrelata dwar it-tieni u tielet eccezzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal a fol. 28 u nota a fol. 29;

Rat il-verbal tat-2 ta’ Ottubru, 2002;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-konvenut kien ordna saqaf tal-konkriet minghand id-ditta attrici, liema saqaf kellu jkun gholi u sahha li jiflah 220/230 lbs./sq.ft. u dan minhabba skopijiet ta’ *storage* tqil fuq is-saqaf.

Irrizulta mill-provi u mir-relazzjoni tal-perit tekniku nominat li s-saqaf provvdut mid-ditta attrici ma kienx skond il-ftehim pattwit u fil-fatt sar saqaf li jiflah inqas minn dak ordnat u specifikat mill-konvenut tant li s-saqaf li sar jiflah biss 165lbs/sq.ft. ftit izjed jew ftit inqas, pero’ mhux il 220/230 lbs./sq li hu talab. Dan jirrizulta mill-iskeda Dok A fornuta mill-atturi stess waqt ix-xhieda taghhom quddiem il-perit, kif ukoll mill-Perit A. Torpiano.

Skond il-Perit nominat minn dina l-Qorti l-konvenut m’ghandu jhallasx xejn ghal xi haga li hu ma ordnax, specjalment meta wiehed jikkunsidra illi l-uzu tas-saqaf issa gie limitat ghal attivitajiet u pizijiet li ma jeccedux il 165 lbs/sq.ft. Ix-xoghol u planki provduti ma kienu tal-kwalita’ pattwita u l-konvenut ma kienx accettahom mill-

ewwel. Il-konvenut ma setghax jaqla' l-planki u jirritornahom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba ta' l-atturi
bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**